MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 593/2004

**Tom u Doris konjugi Cusens.**

**vs.**

**Emanuela Fenech, Roderick Fenech, Doreen mart Lawrence Xuereb u Karen mart Ivan Cachia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta’ Awwissu 2004 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Patrick Critien (Dok. “A”) tas-19 ta’ Settembru 2003, l-atturi xtraw minghand il-konvenuti l-appartament numru (5) f’Alexander Flats

f'Sacred Heart Avenue, San Giljan bil-konfini kif deskritti fl-istess att u kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm3 fis-sena u dan bil-prezz ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000).

Illi fil-fond ma kienux jidhru ebda difetti kif jista' jikkonstata l-Avukat Dottor Joseph Fenech li kien mar mal-attrici Doris Cusens fuq il-post.

Illi wara li l-atturi xtraw il-fond in kwistjoni, baghtu lill-bajjad Franz Borg biex ibajjad il-fond. Meta l-bajjad beda x-xoghol fis-soqfa tfaccaw difetti serji mohbija billi x-xibka kienet imsadda u nforma b'dan lill-atturi.

Illi l-attrici Doris Cusens hadet lill-Perit Joseph Ellul Vincenti biex jispezzjona l-fond u rriskontra dawn id-difetti, u difetti fis-sahha tal-konkrit u ghalhekk is-saqaf kien fi stat perikoluz kif iccertifika fir-rapport tieghu tas-6 ta' Frar 2004 (Dok "B").

Illi x-xoghol rimedjali sar taht is-supervizjoni tal-Perit Arkitett Elena Borg Costanzi, liema xoghol sewa Lm2,400 liema spiza inqasmet bejn l-atturi u l-proprjetarji tal-fond sovrastanti (Dok "C").

Illi l-atturi sofrew danni ta' Lm1,200 ghal dan ix-xoghol rimedjali u li kieku l-atturi kienu jafu b'dawn id-difetti u spejjez huma kien joffru l-prezz imnaqqas bl-ispejjez li saru.

Illi l-konvenuti gew interpellati jhallsu dawn l-ammonti a tenur tal-**artikolu 1427 tal-Kodici Civili** u naqsu li jaghmlu dan.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddeciedi li:-

1. Jigu kkundannati jirrifondu lura lill-atturi bicca mill-prezz ammontanti ghal elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) li l-atturi sofrew biex irrimedjaw id-difetti mohbija fis-saqaf, *oltre* l-imghax legali mid-data tal-bejgh tal-fond.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri interpellatorji u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol 10 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2004.

Rat in-noti attrici datati 20 u 23 ta’ Awissu 2004 u 20 ta’ Settembru 2004 fejn l-atturi pprezentaw l-affidavits tal-mibki Dr. Joseph Fenech, ta’ Franz Borg u tal-Perit Elena Borg Costanzi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 17 ta’ Settembru 2004 a fol. 21 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament, ic-citazzjoni hija irrita u nulla *stante* li, filwaqt li l-atturi qed jiddikjaraw li qed jezercitaw l-azzjoni stimatorja (**art. 1427 tal-Kodici Civili**), it-talba hija wahda ghal risarciment ta' allegati danni gja' likwidati. Ghalhekk ma jissussistux l-elementi tal-azzjoni stimatorja.

2. *In linea* preliminari wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke f’kaz li l-azzjoni hija dik *quanti minoris*, ic-citazzjoni hi irrita u nulla u dan peress li t-talba ghal kundanna ta’ danni mhix preceduta b’wahda ghal dikjarazzjoni li l-fond kien afflitt b'difett mohbi.

3. Fil-mertu, it-talbiet attrici kif dedotti kontrihom ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li mhux minnu li l-fond lilhom mibjugh mill-eccipjenti huwa affett minn difetti mohbija li jiggustifikaw l-azzjoni stimatorja promossa mill-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 22 u  tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 9 ta’ Novembru 2004 sal-4 ta’ Ottubru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Novembru 2004 fejn il-Qorti tat lill-partijiet il-fakolta` li jaghmlu nota ta’ osservazzjonijiet, jibda l-konvenut, dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti li kellu ghoxrin (20) gurnata ghal prezentata tan-nota tieghu bil-*visto* tal-kontro-parti li wara tali terminu kellhom ghoxrin (20) gurnata ohra ghar-risposta taghhom. Il-kawza giet differita ghall-21 ta’ Jannar 2005 ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

Rat in-nota ta’ oservazzjonijiet tal-konvenuti datata 17 ta’ Novembru 2004 a fol 30 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi datata 22 ta’ Novembru 2004 a fol 33 tal-process.

Rat id-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri moghtija fil-21 ta’ Jannar 2005 kif jidher a fol. 35 tal-process fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti peress li l-azzjoni ttentata mill-atturi kienet dik abbazi tal-**artikolu 1427 tal-Kap. 16** – l-*actio aestimatoria* ghaliex il-pretensjoni hija li l-immobbli kien affett minn difett mohbi u l-atturi qed jitolbu rifuzjoni ta’ parti mill-prezz kif kontemplat fl-istess artikolu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-atturi datata 5 ta’ Ottubru 2005 a fol 42 tal-process fejn talbu li l-kawza tigi rriappuntata ghas-smigh skont dawk il-provvedimenti kollha illi jidhrilha xierqa u opportuni; u l-Qorti kif diversament presjeduta ordnat fl-ewwel lok li l-atturi jipprezentaw l-affidavits u nota li fiha ghandhom jindikaw l-ismijiet tax-xhieda *viva voce* li jridu jipproducu u dan fi zmien xahar minn dan id-digriet datat 7 ta’ Ottubru 2005.

Rat in-noti pprezentati mill-atturi flimkien ma’ rikors datati 2 ta’ Novembru 2005 (fol 44, 49 u 51) fejn permezz taghhom ipprezentaw l-affidavits taghhom u l-lista ta’ xhieda, u talbu lill-Qorti tirrappunta l-kawza ghas-smigh; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghall-25 ta’ Jannar 2006, dan kif jidher bid-digriet moghti fl-4 ta’ Novembru 2005 a fol 52 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta mill-25 ta’ Jannar 2006 sal-

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Marzu 2006 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex tisma l-provi kollha tal-partijiet b’digriet affidavits konvenuti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, flimkien max-xhieda quddiemha prodotta.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 14 ta’ Lulju 2006 bl-affidavits ta’ Emmanuela Fenech u Doreen Xeureb.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fis-16 ta’ Novembru 2006 il-Qorti irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u ordnat il-kancelliment tal-kawza minn fuq il-lista a spejjez attrici. Il-kawza giet kancellata.

Rat ir-rikors tal-atturi datata 16 ta’ Novembru 2006 a fol 76 tal-process fejn l-talb ir-riappunatament tal-kawza sabiex tigi trattata u deciza skont il-ligi; il-Qorti ordnat qabel xejn lill-attrui biex fi zmien ghaxart ijiem (10) jiddikjaraw b’ nota xi provi fadal jitressqu bl-affidavit u *viva voce*, u dan kif jidher bid-digriet moghti fil-21 ta’ Novembru 2006 (fol 79).

Rat in-nota tal-atturi datata 23 ta’ Novembru 2006 a fol 80 tal-process li biha ddikjaraw illi ma ghadx hemm provi x’ jipproducu f’din il-kawza u ddikjaraw illi ghalqu l-provi taghhom; il-Qorti laghet it-talba b’dan li nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Stefania Mifsud, b’digriet affidavit

konvenut ta' tletin (30) gurnata mid-data tan-notifika tad-digriet lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha a karigu tal-atturi, u appuntat l-istess kawza ghar-rapport ghas-17 ta' April 2007, kif jidher a fol 83 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi datata 14 ta' Jannar 2008 a fol 103 tal-process.

Rat ir-riposta tal-konvenuti, ghan-nota ta' osservazzjonijiet atturi, datata 25 ta' Jannar 2008 a fol 109 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Stefania Mifsud opprezentata fis-26 ta' Frar 2009 u mahluf fit-12 ta' Novembru 2009 (fol 125).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti tat-2 ta' Marzu 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Norma Vella ghall-konvenuti li talbet taghmel nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprifiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata ghall-istess bin-notifika/*visto* lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata ghan-nota taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed isostnu li l-fond, appartament numru 5, Alexandra Flats, Sacred Avenue, San Giljan, li huma xtraw minghand il-konvenuti b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Patrick Critien fid-19 ta' Settembru 2003, ghall-prezz ta' Lm20,000 kien affett minn difett latenti fil-mument tal-bejgh u allura talbu rifuzjoni ta' parti mill-prezz

u dan kollox skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1427 tal-Kap. 16.**

Illi bazikament l-eccezzjoni tal-konvenuti hija li l-istess fond ma kienx affett b'difett mohbi. Dan apparti li l-ewwel eccezzjoni giet michuda b'sentenza tal-21 ta' Jannar 2005. Hemm ukoll it-tieni eccezzjoni fejn qed jinghad li c-citazzjoni hija nulla peress li t-talba ghall kundanna ta' danni ma' hijiex preceduta b'wahda ghal dikjarazzjoni li l-fond huwa afflitt b'difett mohbi.

Illi dwar din it-tieni eccezzjoni, jirrizulta mill-premessi li t-talba attrici hija bbazata fuq l-premessa li hemm difett mohbi, u li t-talba ghar-rifuzzjoni ta' parti mill-prezz imhallas hija konsegwenti ghall-prova ta' tali premessa, u din il-Qorti thoss, li kif imposta l-azzjoni attrici din hija wahda regolari u certament li ma hemmx lok ta' nullita' ta' l-istess. Dan apparti li kif gja inghad fis-sentenza tal-21 ta' Jannar 2005 l-azzjoni odjerna ma hijiex wahda ta' danni izda azzjoni estimatorja kif kontemplata mill-ligi. Ghalhekk ghall-kompletezza din it-tieni eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar il-mertu jirrizulta li l-azzjoni attrici hija regolata b'dak li jipprovdu l-**artiikoli 1424, 1425, 1426 u 1431 (1) tal-Kap. 16** li ghalihom qed issir riferenza. L-elementi ta' din l-azzjoni huma (a) li ssir il-prova li f'dan il-kaz il-fond kien affett b'difett mohbi; (b) li tali difett latenti kien jezisti fil-mument tal-bejgh; (c) li x-xerrej ma' kienx jakkwista l-fond jew kien joffru prezz inqas kienu kien jaf b'tali difett latenti; (d) li l-azzjoni trid tigi ntavolata fi zmien sena mill-bejgh.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta mill-provi prodotti li kien hemm difett ta' natura strutturali fis-soqfa tal-fond *de quo*, u dan gie konstat mill-Periti Joseph Ellul Vincenti u l-Perit Elena Borg Costanzi u Frans Borg, wara li inxtara l-post mill-atturi, u kollha sabu li l-istess diffett kien wiehed gravi u ta' perikolu, u ghalhekk kien tali jikkwalifika bhala wiehed li ghalih japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1427 tal-Kap. 16** u dan anke ghaliex tali difett jikkonsisti *"annormalita' jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija li tigi rikonstrata fil-haga u li, aktar, jew anqas tnehhilha l-*

*attitudini ghall-uzu, jew il-bonta' jew l-integrita' taghha"* kif inghad fis-sentenza **"Perit Cav. Emanuele Borg vs Carmelo Petroni et"** (A.C. 29 ta' Jannar 1954 – Vol. XXXVIIIA.i.279). Issir riferenza ghar-rapport tal-Perit Joseph Ellul Vincenti datat 6 ta' Frar 2004 li jiddiskrivi d-difett bhala *"dangeruous",* ix-xhieda tal-Perit Elena Borg Costanzi li kkonfermat li s-saqaf kien fi stat ta' perikolu, u sahanistra l-Perit Mannie Galea (perit tal-konvenuti), li konstata li s-saqaf kellhu hsara fil-konkos.

Illi jirrizulta wkoll li d-difett kien latenti u kien jezisti fil-mument tal-bejgh, u dan tenut kont li skond il-gurisprudenza nostrali dan ifisser li d-difett ikun tali li b'ezami serju min persuna ta' diligenza normali, l-istess ma' setghax ikun skopert (**"Francesco Saverio Gatt vs. Paolo Azzopardi"** – P.A. – 5 ta' Frar 1955; **"Dr. Carlo Moore nomine vs. A.C. Carmelo Falzon"** – P.A. 4 ta' Novembru 1957; **"Joseph Bernard Licari vs Maria Debono"** – P.A. 30 ta' Mejju 2003; u **"Carmel Mifsud et vs Joseph Sant et"** – P.A. – 23 ta' April 2004).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-kaz in ezami d-difett hareg biss meta Frans Borg imqabbad mill-atturi kien qed jisboh u jkahhal il-post, izda waqt li kien qed jaghmel dan bdew jaqaw capep ta' gebel mis-saqaf ta' daqs relativament konsiderevoli, li gew ezaminati mill-Perit Joseph Ellul Vincenti, li sab li l-konkrete kien hazin u x-xibka kienet imsadda u dan irrenda l-istess saqaf perikoluz. L-istess konstatazzjoni saret mill-Perit Elena Borg Costanzi, u mill-provi prodotti jirrizulta li dan ma kienx jidher fil-mument tal-bejgh, u dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-atturi u kif ukoll mix-xhieda tal-Avukat Joseph Fenech. In verita' fix-xhieda tal-konvenuti, jirrizulta wkoll li mill-kliem li sar qabel ma` l-iffirmar tal-kuntratt ma kien hemm ebda indikazzjoni li kien hemm difetti fis-saqaf; kull ma kien hemm kien biss diskors li l-fond kellu bzonn manutenzjoni, izda dan bl-ebda mod ma jista' jigi kkunsidrat bhala li jinkludu hsara mohbija fis-saqaf ta' dik l-entita' li fil-fatt irrizultat waqt il-kawza. Jinghad ukoll li ghalkemm l-Perit Mannie Galea, li spezzjona l-fond wara li gie skopert id-difett (Dok. "EF3"), sostna li wiehed seta` jinduna li kien hemm hsara fis-soqfa peress li kien hemm

qsim/*cracks* fil-kamra f'xi soqfa, dan bl-ebda mod ma gie sorrett b'xi prova anke wahda minima.

Illi jinghad li l-ezami li jrid isir sabiex jigi determinat jekk id-difett huwiex wiehed mohbi jew le huwa dak kontemplat mill-ligi fl-**artikolu 1425 tal-Kap. 16** li jipprovdi li *"l-bejjiegh ma jwiegibx ghad-difetti, li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom* *<u>wahdu</u>".* Fil-fatt fis-sentenza citatat mill-konvenuti stess fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom datata 25 ta' Jannar 2008 saret riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Emanuel Fava vs. Profs. John Mamo"** (P.A. – 3 ta' Ottubru 2003 fejn inghad li:-

*"Il-vizzju huwa okkult (redibitorju) meta x-xerrej, b'diligenza ordinarja u wahdu ma jkunx jista' jiskopri d-difetti. Meta l-haga mibjugha timmanifesta ghax-xerrej ordinarjament attent difett jew tracci li jindikaw l-ezistenza tad-difett, allura l-vizzju jkun wiehed apparenti. Il-gudikant ikun irid jaghmel apprezzament tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom taz-zmien, tal-post u tal-persuni involuti".*

Illi dan huwa konferma tas-sentenza moghtija bhal bhal fil-kaz **"Carmelo Schembri vs Salvina Aquilina nomine"** (K. – 6 ta; Novembru 1987) u **"Pierre Vella Petroni vs Joseph Oliver Ruggier"** (A.C. – 3 ta' Dicembru 1999) fejn inghad li *"l-vizzju huwa okkult, meta x-xerrej b'diligenza ordinarja* *<u>u wahdu</u>* *ma jkunx jista' jiskopri d-difetti. Meta l-haga mibjugha timmanifesta ghax-xerrej ordinarjament attent, difett jew tracci li jindikaw l-ezistenza tad-difett, allura l-vizzju jkun wiehed apparenti".* (ara **"Joanne Fenech vs Mario Lagana"** – A.C. – 28 ta' Novembru 2008).

Illi f'dan il-kaz jirrizulta car li kemm qabel u meta nxtara l-fond ma kien hemm xejn x'jindika lill-atturi li kien hemm tali hsara fis-saqaf tal-fond *de quo* u dan seta` biss jigi riskontrat wara l-bejgh, meta waqt xoghol ta' tikhil u zebgha bdew jaqghu partijiet mis-saqaf u l-Periti li gew raw il-fond u rriskontraw l-imsemmija difetti wara li allura kienu esponew ruhhom tali hsarat. Dan jaqa' fil-parametri tal-azzjoni attrici wkoll in vista ta' dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Michael Bonnici et vs**

**Joachim Francici et"** (27 ta' Gunju 2003) fejn inghad li l-ligi ma tippretendix li l-grad ta' dik id-diligenza rikjesta mill-partijiet involuti fl-akkwist tal-fond ikun tali li hemm bzonn tittiehed mazza u skapell biex itektek is-soqfa kollha biex jara hemmx xi hsarat. Illi ghalhekk jirrizulta li dan kien kaz ta' difett latenti, li kien jezisti qabel il-bejgh relattiv, u li gie skopert biss bil-mod indikat xi 4 jew 5 xhur wara li sar it-trasferiment. Il-hsarat kienu wkoll ta' natura u tant estentivi li jidher car li ma setghux graw wara li sar il-bejgh izda kienu pre-ezistenti ghall-istess.

Illi qam il-punt li l-konvenuti allegaw li meta gie ffissat il-prezz huma hadu konsiderazzjoni tal-istess tal-fond li ma kienx wiehed mizmum tajjeb; izda *se mai* dan jirreferi dejjem ghal dak li huwa stat tal-fond li jkun jidher u b'hekk ma gietx eskluza l-garanzija ghal difett latenti. Biex wiehed jehles minn tali garanzija ta' difett latenti jrid ikun hemm ftehim dwar dan, u dan jista' jsir skont kif provdut fl-**artikolu 1426 tal-Kap. 16,** izda f'dan il-kaz il-kuntratt ta' trasferiment bl-ebda mod ma eskluda lill-konvenuti mill-garanzija ta' difett latenti.

Illi jirrizulta wkoll li l-parti mill-prezz li ghandha tigi rifuza mill-konvenuti lill-atturi, hija dik fl-ammont ta' elfejn, seba' mija u hamsa u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,795.25) ekwivalenti ghal Lm1,200, li huwa l-ammont li attwalment gie mitlub fl-azzjoni attrici, u dan effettivament ikopri s-somma li intefqet mill-atturi sabiex jirrangaw l-istess difett. Mhux qed jigi nkluz id-dritt tal-perit kollox kif indikat mill-provi u f'pagna 19 tar-relazzjoni peritali (fol. 145) u dan peress li tali ammont jaccedi t-talba kif imposta mill-atturi. Allura dak hawn indikat huwa l-ammont li qed jigi stabbilit mill-Qorti li l-atturi kienu jhallsu inqas ghall-post kieku kienu jafu bl-imsemmija difett (**"Martin Bajada vs Anthony Paul Demajo"** – K. (JDC) – 7 ta' Novembru 1988 – Vol. LXXII.ii.817).

Illi fl-ahharnett jirrizulta li l-azzjoni giet prezentata fit-terminu ta' sena preskritt mill-ligi (**artikolu 1431)**, tenut kont li l-azzjoni giet intavolata fl-10 ta' Awissu 2004 u d-difett gie riskontrat fis-16 ta' Jannar 2004 (rapport tas-6 ta' Frar 2004 Perit Joseph Ellul Vincenti) u l-kuntratt kien sar

fid-19 ta' Settembru 2003. Ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha b'dan li l-konvenuti ghandhom jirrifondu lill-atturi l-ammont ta' elfejn, seba' mija u hamsa u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,795.25) ekwivalenti ghal Lm1,200, bl-imghax mid-data tat-2 ta' Settembru 2004 (data tan-notifika tac-citazzjoni attrici – *a tergo fol. 17)* sal-effettiv pagament.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tirreferi ghas-sentenza datata 21 ta' Jannar 2003 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u filwaqt li tichad l-eccezzjonjiet l-ohra kollha tal-konvenuti, **tilqa' t-talba attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lura lill-atturi s-somma ta' elfejn, seba' mija u hamsa u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,795.25) ekwivalenti ghal Lm1,200, rappresentanti pagament minn bicca mill-prezz ammontanti ghal elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) li l-atturi sofrew biex irrimedjaw id-difetti mohbija fis-saqaf, bl-imghax mid-data tat-2 ta' Settembru 2004 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez u bl-imghax kif indikat kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------